PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*

**2013/0218(COD)**

10.12.2013

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta għadd ta' atti legali li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
(COM(2013)0451 – C7-0198/2013 – 2013/0218(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Sharon Bowles

PA_Legam

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 5 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***B'deroga mill-ewwel subparagrafu, att delegat adottat skont ir-regolamenti elenkati fil-punti 81, 82, 85, 86, 90 sa 93 ta' Taqsima G u, fir-rigward tal-istandards internazzjonali tar-rappurtar finanzjarju, il-punt 95 ta' Taqsima H tal-Anness[6a] għandhom jidħlu fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' tliet xhur li jeddekorri min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu,il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma għarrfu lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi prorogat bi tliet xhur fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.*** |
| | __________________ |
| | ***[6a] 81. Ir-Regolament (KE) Nru 451/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 li jistabbilixxi klassifikazzjoni statistiska ġdida tal-prodotti skond l-attività (KPA) u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3696/93*** |
| | ***82. Ir-Regolament (KE) Nru 295/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar statistika strutturali kummerċjali (riformulazzjoni)*** |
| | ***85. Ir-Regolament Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-*** |

***20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika***

***86. Ir-Regolament (KE) Nru 1161/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2005 dwar il-kumpilazzjoni ta' kontijiet trimestrali mhux finanzjarji skont is-settur istituzzjonali.***

***90. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 tad-19 ta' Mejju 1998 li jikkonċerna l-istatistika għal żmien qasir.***

***91. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 tat-23 ta' Ottubru 1995 dwar l-indiċijiet armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur***

***92. Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 696/93 tal-15 Marzu 1993 dwar l-unitajiet tal-istatistika għall-osservazzjoni u l-analiżi tas-sistema ta' produzzjoni fil-Komunità***

***93. Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3924/91 tad-19 ta' Diċembru 1991 dwar it-twaqqif ta' stħarriġ fil-Komunità dwar il-produzzjoni industrijali***

***95. Ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità***

*Ġustifikazzjoni*

*Hemm ftehim informali bejn l-istituzzjonijiet li minħabba n-natura teknika u kumplessa tal-atti delegati fil-qasam tal-ECON il-perjodu ta' skrutinju hu ta' tliet xhur- li jista' jiġi prorogat bi tliet xhur oħra. Dan l-arranġament għandu jidher fil-proposta Omnibus attwali*

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | L-adattament ta' għadd ta' atti legali li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju mal-Artikolu 290 tat-TFUE |
| **Referenzi** | COM(2013)0451 – C7-0198/2013 – 2013/0218(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | JURI<br>4.7.2013 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ECON<br>4.7.2013 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Sharon Bowles<br>10.9.2013 |
| **Data tal-adozzjoni** | 9.12.2013 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 32<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Burkhard Balz, Jean-Paul Besset, Sharon Bowles, George Sabin Cutaş, Leonardo Domenici, Derk Jan Eppink, Diogo Feio, Elisa Ferreira, Jean-Paul Gauzès, Sven Giegold, Sylvie Goulard, Liem Hoang Ngoc, Syed Kamall, Wolf Klinz, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Philippe Lamberts, Werner Langen, Ivana Maletić, Hans-Peter Martin, Arlene McCarthy, Marlene Mizzi, Ivari Padar, Alfredo Pallone, Olle Schmidt, Peter Simon, Theodor Dumitru Stolojan, Ivo Strejček, Kay Swinburne, Marianne Thyssen, Ramon Tremosa i Balcells |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Biljana Borzan, Evelyne Gebhardt |